MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 1105/1997/1

Mario Grech Mallia
vs
Chairman in rapprezentanza tal-Malta Shipbuilding Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 huwa kien sofra ingustizzja f'li ma thalliex jaghmel ezami biex javvanza fil-karriera tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa kien gie impjegat mal-Malta Shipbuilding Co Ltd. bhala Electronics Apprentice, fl-1981.

Fl-1989, meta huwa kien jokkupa l-grad ta’ Electronics Fitter 3, kienu hargu sejhiet ghal ezami ghall-gradi ta’ Electronics Technician 1, 2 u 3.

Huwa kien applika biex jaghmel dan l-ezami, izda l-applikazzjoni tieghu ghall-ezami ta’ Electronics Technician 2 u 3, giet ritornata lura lilu, minghajr raguni valida. Ghaldaqstant kien gie mcahhad milli jaghmel l-ezami ghal dawn iz-zewg gradi, u konsegwentement kien imcahhad l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu.

Ghaldaqstant huwa hass li kien gie diskriminat ingustament u sofra danni morali u finanzjarji.

Billi llum huwa ilu jokkupa l-grad ta’ Electronics Technician 2, minn April ta’ l-1992, li kieku thalla jaghmel l-ezami ghall-gradi imsemmijin fuq, kieku llum qieghed jokkupa l-kariga ta’ mill-anqas Electronics Technician 3.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-grad ta’ Electronics Technician 3, minn dik id-data li gie mcahhad minnha, u li jigi kumpensat ghal dak kollu li huwa gie mtellef ingustament, skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm 5000.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-istess intimat nomine, li eccepixxa:

1. Illi b’ittra tat-8 ta’ Lulju, 1988 ir-rikorrent kien gie promoss ghal Electronics Fitter - Tradesman III mal-kumpanija intimata.

2. B'cirkolari Numru 96/89 il-kumpanija kienet ghamlet sejha ghall-applikazzjonijiet minghand l-impjegati taghha ghall-post ta' Electronics Technician III. Fit-termini ta' din ic-cirkolari l-impjegati ried ikollhom il-kwalifiki hemm indikati fil-mument ta' l-applikazzjoni.

3. Ir-rikorrent ma kellux ir-rekwiziti necessarji biex l-applikazzjoni tieghu tigi intrattenuta, u b'dan kien gie debitament informat ir-rikorrenti b'ittra datata 26 ta' April, 1990.

4. L-intimat nomine iddikjara li kien bi hsiebu jressaq in sostenn tal-pozizzjoni tieghu lil E.G. de Gray li fiz-zmien in kwistjoni kien Personnel Manager.

5. Konsegwentement it-talba tar-rikorrent ghandha tigi respinta anke ghaliex ma saret l-ebda ingustizzja mieghu fis-sens tal-ligi.
Ra d-dokumenti prezentati mill-intimat nomine.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li meta ma thalliex jaghmel l-ezami ta' Electronics Technician 2 u 3 qalulu li ma kienx eligibbli izda hu sostna li kien eligibbli. Qal li hu kellu l-akbar numru ta' certifikati ta' kwalifiki minn dawk kollha li applikaw u min inghata l-grad ma kellux il-kwalifiki tieghu. Zied jghid li bl-istess kwalifiki li kellu fl-1989, hu kien inghata l-grad fis-sena 1998.

Xehed Edward DeGray li semma li hu kien jahdem Personnel Manager fil-Malta Shipbuilding izda ilu li spicca fuq seba' snin. Ra d-dokumenti esebiti u ta d-dettalji fuqhom. Semma li hu kien hareg l-ittra fejn kien informa

lir-rikorrent li hu ma kienx eligibbli ghall-post. Qal ukoll li d-decizjoni ma kienx hadha wahdu izda l-bord kien hadha. Il-bord kien kompost minnu bhala Chairman u minn tnejn ohra. Ir-ragunijiet ma kienux jinghataw ghalkemm ir-rikorrent seta' ivverifika fl-ufficju. Semma li lir-rikorrent kien baghatlu ittra fejn spjegalu ghaliex ma kienx eligibbli ghall-post u dan minhabba n-nuqqas ta' kwalifiki li kellu. Qal li meta kienet tohrog applikazzjoni gdida kien jinfetah file u fih jitnizzlu d-dettalji kollha relattivi ghall-file u ghall-applikazzjoni.

Xehed Anthony Restall Human Resources Manager mal-Malta Shipbuilding li esebixxa l-process dwar il-kaz in kwistjoni u spjega kif waslu ghad-decizjonijiet li ttiehdu. Fic-cirkolari 96/89 li kienet call ghall-ghazla ta' Electronic Technician 3 kien hemm id-duties u l-qualifications. Bhala qualifications kien hemm tliet options: Jew HTD (Hard Technician Diploma) with Electronics as the main subject and at least two years supervisory experience jew Full Technological Certificate tas-City and Guilds plus three years experience jew completed four years at Fallenberg in Industrial Electronics and with at least four years experience. Semma li r-rikorrent bhala educational qualifications kellu kemm il-Hard Technicians Diploma u anke l-Fallenberg, pero` meta applika kien ghadu Fitter Tradesman 3 u ma kellu l-ebda supervisory experience. Qal li r-rikorrent fl-applikazzjoni tieghu ma semma l-ebda supervisory experience. Ir-rikorrent ma giex maghzul mhux ghax ma kellux edukazzjoni bizzejjed imma ghax ma kellux supervisory experience.

Semma li minn dawk kollha li applikaw l-ebda wiehed ma kien gie maghzul u ghalhekk il-kumpanija kienet iddecidiet li tohrog an external call for applications u hargitha fuq il-gazzetti lokali. Zied jghid li peress li dik kienet kumpanija parastatali riedu l-permess tad-Director of Labour liema permess kien gie approvat. Ftit xhur wara l-call ghall-Electronics Technician harget fuq il-gazzetti u kien hemm miktub li jrid ikollhom five years related experience. Ir-rikorrent rega' applika izda rega' ma kienx eligibbli ghax kien ghadu Fitter Tradesman 3 jigifieri ghax ma kellux at least two years supervisory experience.

Qal li hu ilu impjegat is-Shipbuilding minn Frar 1999 u l-procedura dejjem kienet li meta tohrog vacancy min irid japplika, japplika internament. Semma li apparti l-kwalifiki, l-esperjenza u xi fatturi ohra li jista' jkun hemm fil-vacancy call kien hemm ukoll li trid tkun medically fit. Semma li jekk persuna jghaddi l-ezamijiet kollha u t-tabib tal-kumpanija jghid li dan ghandu xi haga li qed timpedieh milli jaghmel xogholu xorta jwaqqfuh.

Wara li saret external call for application dawk li kienu ntaghazlu ghall-pozizzjoni ta' Electronic Technician 3 kienu V. Psaila u G. Azzoppardi. Mistoqsi jekk Dennis Cutajar kienx gie appuntat ukoll qal li s-Sur Dennis Cutajar li kien gja Electronic Technician II meta harget il-call. Il-kwalifiki u l-esperjenza fil-fatt kienu ezattament kif kienu fis-sejha in kwistjoni jigifieri 96/89. F'din ic-cirkolari applikazzjoni wahda biss harget u kienet tas-Sur Dennis Cutajar jigifieri r-rikorrent ghal din anqas biss kien applika. Qal li r-rikorrent kien lahaq Electronic Technician 3 b'cirkolari 24/98 li harget fil-11/6/98 u f'din is-sejha l-kwalifiki u l-esperjenza kienu ezatti kif kienu kemm f'dik tas-Sur Dennis Cutajar kif ukoll ta' qabilha l-call 96/89.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent sostna li meta fl-1989 hu kien jokkupa l-grad ta' Electronics Fitter III u hargu sejhiet ghall-ezami ghall-gradi ta' Electronics Technician 1, 2, u 3 lilu ma hallewhx joqghod ghall-ezami u sostna li din kienet tammonta ghal ingustizzja.

Irrizulta li kien veru li r-rikorrent ma thalliex joqghod ghall-ezami, izda rrizulta li dak li kellu hu ma kienx jikkorispondi mal-kwalifiki rikjesti fic-cirkolari. Infatti gie spjegat li ghalkemm ir-rikorrent certament kellu l-kwalifiki akademici, hu ma kellux is-supervisory experience rikjesta fic-cirkolari. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jikkonkludi kif talab ir-rikorrent li meta hu ma thalliex joqghod ghall-ezami saret ingustizzja ghax din ma gietx pruvata. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat nomine.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------